



2025/1391

16.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1391

tal-15 ta' Lulju 2025

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1186 fir-rigward tal-konċentrazzjoni tal-metilewġenol fiż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-ġhalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanza żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella minn *Cinnamomum verum* J. Presl ġiet awtorizzata bħala addittiv tal-ġhalf għal ċerti speċijiet tal-annimali bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1186 ⁽²⁾ għal 10 snin.
- (2) Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1186, il-konċentrazzjoni massima permessa tal-metilewġenol fiż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella hija mniżżla bil-valur żbaljat ta' " $\leq 0,04$ %", filwaqt li skont l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tas-27 ta' Settembru 2022 ⁽³⁾, il-konċentrazzjoni tal-metilewġenol fiż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella jenħtieġ li ma taqbiżx iż-0,004 %.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1186 jiġi kkoreġut kif xieraq.
- (4) Sabiex jiġu ppreservati l-aspettattivi leġittimi tal-operaturi tan-negozju tal-ġhalf li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni żbaljata tal-addittiv tal-ġhalf, iż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella minn *Cinnamomum verum* J. Presl, jenħtieġ li jiġi previst perjodu tranżizzjonali qasir biex daww l-operaturi jkunu jistgħu jadattaw għall-korrezzjoni introdotta b'dan ir-Regolament.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Korrezzjoni lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1186

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1186, fl-entrata għall-addittiv tal-ġhalf, iż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella, identifikat bħala "2b133-eo", fit-tielet kolonna "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", taħt l-intestatura "Speċifikazzjonijiet", l-inċiż "- Metilewġenol: $\leq 0,04$ %" hija sostitwita bi "- Metilewġenol: $\leq 0,004$ %".

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1186 tal-24 ta' April 2024 dwar l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella u taż-żejt essenzjali tal-weraq tal-kannella minn *Cinnamomum verum* J. Presl bħala addittivi tal-ġhalf għal ċerti speċijiet tal-annimali (ĠU L, 2024/1186, 25.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1186/oj).

⁽³⁾ EFSA Journal 2022;20(10):7601, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2022.7601>.

*Artikolu 2***Miżuri tranżizzjonali**

L-addittiv tal-ġhalf, iż-żejt essenzjali tal-qoxra tal-kannella minn *Cinnamomum verum* J. Presl, kif awtorizzat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1186, u l-premixeli, l-ġhalf kompost u l-materjali tal-ġhalf li fihom dak l-addittiv, li jiġu prodotti u ttikettati qabel il-5 ta' Settembru 2025 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-5 ta' Awwissu 2025, jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sal-5 ta' Frar 2026.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN